EU funds for Malta 2014-2020

jobsplus

# LINJA GWIDA GĦALL-ISTUDENTI:

## Kull m'għandek tkun taf dwar il-Klassijiet ta' Prevenzjoni tas-SEC tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ




MILL-2014, GĦENNA LIL **AKTAR MINN 3000 STUDENT/A** BĦALEK JIPPREPARAW RUĦHOM AĦJAR GĦALL-EŻAMIJIET TAS-SEC/LIVELL ORDINARJU, BILLI NIPPROVDULHOM OPPORTUNITA` IMPREZZABBLI GĦAS-SUĊĊESS TAGĦHOM FL-EDUKAZZJONI.

BIEX ISSIR TAF IŻJED DWAR IL-KLASSIJIET TA' PREVENZJONI TAS-SEC, HAWN TAĦT ĦA SSIB MISTOQSIJIET POPOLARI U T-TWEĠIBIET TAGĦHOM, LI NITTAMAW LI JKUNU UTLI!

### 1. X'INHUMA L-KLASSIJIET TA' PREVENZJONI TAS-SEC?

Il-Klassijiet ta' Prevenzjoni tas-SEC, bħala parti mill-Garanzija għaż-Żgħażagħ, huma organizzati għaż-żgħażagħ bejn il-15 u l-24 sena, li ġabu 6, 7, U jew ġew immarkati assenti fl-eżamijiet ta' Mejju ta' Livell Ordinarju/SEC f'dawn is-suġġetti: **l-Bijoloġija, l-Fiżika, l-Matematika, l-Malti u l-Ingliż.**

### 2. OK. KEMM IRRID INĦALLAS GĦAL DAWN IL-KLASSIJIET? HEMM XI MIŻATA?

Le – il-klassijiet kollha jiġu offruti b'xejn lill-istudenti kollha.

### 3. TAJJEB! KEMM IL-SUĠĠETT NISTA' NAGĦŻEL?

Tista' tagħżel sa *tliet* suġġetti, li jinkludu għażla ta' suġġett wieħed ta' xjenza, apparti l-Matematika (l-Bijoloġija jew il-Fiżika).

### 4. MMM... KIF SE NKUN NAF META NISTA' NAPPLIKA?

La jiġu ppubblikati r-riżultati tal-eżamijiet ta' Mejju, ħa tirċievi SMS mill-MATSEC li tinfurmak li l-applikazzjoni onlajn hija disponibbli, u b'hekk tista' tapplika għall-Klassijiet ta' Prevenzjoni tas-SEC.

Il-link li twasslek għall-applikazzjoni onlajn ħa tiġi ppubblikata fuq is-sit u l-paġna ta' Facebook tagħna (Youth Guarantee Malta), jiġifieri jekk tridu li nżommukom aġġornati, agħmlu *Like* u *Follow*.

### 5. KIF JAĦDEM IL-PROĊESS T'APPLIKAZZJONI?

Il-proċess t'applikazzjoni huwa faċli u ma jdumx. Kulma trid tagħmel huwa li timla u tissottometti l-formola t'applikazzjoni onlajn.

Ara li l-informazzjoni li ddaħħal – speċjalment **l-indirizz elettroniku (email) u d-dettalji personali tiegħek** – hija korretta qabel ma tagħfas 'Submit'. La tissottometti l-applikazzjoni, ħa tirċievi konferma u instruzzjonijiet permezz tal-email. Tinsiex tittawwal fl-inbox!

### 6. OK! META ĦA JIBDEW U JISPIĊĊAW IL-KLASSIJIET TA' TA' PREVENZJONI?

Il-klassijiet isiru fuq medda ta' ħames ġimgħat, mill-aħħar ta' Lulju sal-aħħar t'Awwissu, bejn meta joħorġu r-riżultati tal-eżamijiet ta' Mejju, sal-bidu tal-perijodu tar-resits f'Settembru.

### 7. FEJN SE JSIRU L-LEZZJONIJIET?

Biex l-affarijiet ikunu prattiċi u konvenjenti għalik kemm jista' jkun, ħa tiġi allokat/a f'wieħed minn erba' ċentri, skont l-indirizz tad-dar li niżżilt fl-applikazzjoni.

L-erba' ċentri huma:
*Kulleġġ Maria Regina (Lily of the Valley), Mosta;*
*Lifelong Learning Centre, l-Imsida;*
*MCAST, Raħal Ġdid;*
*Kulleġġ t'Għawdex – Skola Sekondarja, r-Rabat, Għawdex*

### 8. SEWWA – KEMM IL-LEZZJONI ĦA JKOLLI NATTENDI?

Ħa tirċievi timetable permezz tal-email, li turik kemm il-lezzjoni ħa jkollok fil-ġimgħa (ġranet u ħinijiet), kif ukoll l-isem taċ-ċentru u n-numru tal-klassi.

**QIS LI TITTAWWAL FL-INBOX KORRETT, U ĦU NOTA TAL-INFORMAZZJONI PPROVDUTA.**

L-ammont ta' lezzjonijiet fil-ġimgħa jiddependu fuq is-suġġett/i li tkun għażilt. Il-lezzjonijiet isiru filgħodu u wara nofsinhar:

- it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa, jew
- it-Tlieta, l-Ħamis u s-Sibt.

Għal kull suġġett li tagħżel, ħa jkollok tliet sessjonijiet fil-ġimgħa, fejn kull sessjoni ddum sagħtejn (total ta' sitt sigħat fil-ġimgħa għal kull suġġett).

### 9. KIF INHUMA L-KLASSIJIET?

Il-klassijiet huma żgħar, li jakkomodaw massimu ta' 15-il student/a, ġieli inqas. Dan ħa jtik iżjed opportunita` għal attenzjoni personali, u jgħinek tiffoka fuq ix-xogħol tal-klassi. Ħa ntuk il-karti passati b'xejn ukoll!

### 10. NISTA' NBIDDEL IT-TIMETABLE JEW IĊ-ĊENTRU?

Le, ma tistax. It-timetable hija bbażata fuq is-suġġetti li għażilt int, u ċ-ċentru jiġu allokat skont fejn toqgħod.

Ftakar li aħna se nkunu qed nassistu iżjed minn elf student u studenta bħalek!

**Għal aktar informazzjoni dwar il-Klassijiet ta' Prevenzjoni tas-SEC, ibgħatilna email fuq revisionclasses.mede@gov.mt jew ċempel 2598 1161/2/4.**

**Żur il-paġna ta' Facebook - Youth Guarantee Malta jew is-sit - www.youthguarantee.edu.mt**


Operational Programme II - European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Investing in human capital to create more opportunities and promote the well being of society"
Project part-financed by the European Social Fund
Co-financing rate: 80% European Union; 20% National Funds

EU funds for Malta 2014-2020

jobsplus




# STUDENT GUIDE:

## All you need to know about the Youth Guarantee SEC Preventive Classes

SINCE 2014, WE HAVE HELPED **OVER 3000 STUDENTS** LIKE YOU BETTER PREPARE THEMSELVES FOR THEIR SEC/ORDINARY LEVEL EXAMINATIONS, BY PROVIDING A VALUABLE OPPORTUNITY FOR THEIR EDUCATIONAL SUCCESS.

TO LEARN MORE ABOUT THE SEC PREVENTIVE CLASSES, HERE ARE SOME FREQUENTLY ASKED QUESTIONS WE HOPE YOU WILL FIND USEFUL!

### 1. WHAT ARE THE SEC REVISION CLASSES?

The Youth Guarantee SEC Preventive Classes are organised for students aged 15-24, who got a 6, 7, U or were marked absent in their May sitting of their Ordinary level/SEC examinations in the following core subjects: **Biology, Physics, Maths, Maltese and English.**

### 2. OK. HOW MUCH DO THEY COST? IS THERE A FEE?

No - all classes are offered free of charge to all students.

### 3. GREAT! HOW MANY SUBJECTS CAN I CHOOSE?

You can choose to take classes in up to three subjects, including a choice of ONLY one science subject apart from Maths (Biology or Physics).

### 4. HMM... HOW WILL I KNOW WHEN TO APPLY?

Once the May examination results are published, you will receive an SMS from MATSEC to inform you that the online application form is available, and you can therefore apply for the Free SEC Preventive Classes.

The link to the online application form will also be published on our website and Facebook page (Youth Guarantee Malta), so please like and follow our page to be notified of important updates.

### 5. HOW WILL THE APPLICATION PROCESS WORK?

The application process is quick and simple. All you need to do is fill out and submit an online application form.

Check the information you put in - especially your **email address and contact details** - well before clicking 'Submit'. Once you have submitted your application, you will receive confirmation and instructions by email. Don't forget to check your inbox!

### 6. OK! WHEN DO THE PREVENTIVE CLASSES START AND FINISH?

The classes take place over five weeks from the end of July to the end of August, between when the May results are issued, until the start of the September resit period.

### 7. I SEE. WHERE WILL THE LESSONS TAKE PLACE?

To make things as practical and convenient as possible for you, you will be placed in one out of four centres according to your current home address.

The four centres are:
*Maria Regina College (Lily of the Valley), Mosta;*
*Lifelong Learning Centre, Msida;*
*MCAST in Paola; or*
*Gozo College Secondary School in Victoria, Gozo.*

### 8. RIGHT - HOW MANY LESSONS WILL I HAVE TO ATTEND?

You will receive a timetable via email, showing you how many lessons you will have every week (days and times), as well as school name and classroom number.

**MAKE SURE YOU CHECK THE CORRECT EMAIL INBOX, AND TAKE NOTE OF THE INFORMATION PROVIDED.**

The amount of weekly lessons depends on the subjects you have chosen. Lessons take place in the morning or afternoon; either on:

- Mondays, Wednesdays and Fridays, or
- Tuesdays, Thursdays and Saturdays.

For each subject you choose, you will have three 2-hours sessions per week (total of six hours per subject per week).

### 9. WHAT ARE THE CLASSROOMS LIKE?

Classes are kept small, accommodating a maximum of 15 students, sometimes less. This will give you more opportunity for personal attention, and help you keep focused on your classwork. You will also be provided with free past papers!

### 10. CAN I CHANGE MY TIMETABLE OR CENTRE?

No, you can't. The timetable is based on your chosen combination of subjects, and the centre you are allocated to is chosen according to your place of residence. Remember, we will be assisting over a thousand students just like you!

For more information about the SEC Preventive Classes, email **revisionclasses.mede@gov.mt** or call **2598 1161/2/4.**
Visit our Facebook page - **Youth Guarantee Malta** or website - **www.youthguarantee.edu.mt**

Operational Programme II - European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Investing in human capital to create more opportunities and promote the well being of society"
Project part-financed by the European Social Fund
Co-financing rate: 80% European Union; 20% National Funds